# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tat-63 Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 21 ta'Ottubru 2014 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Vincent A Galea |
| | Alfred Muscat |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**63/01 Talba**

**63/01/01** Il-laqgħa bdiet fit-6.00 p.m. billi ntqalet it-talba. Preżenti għal laqgħa kien hemm ukoll is-Sinjorina Maria Tanti, l-EO tal-Kunsill.

**63/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 62**

**63/02/01** Kien hemm korrezzjoni waħda li ġiet approvata unanimament. Fil-paragrafu 62/03/06 għandu jinghad "Ġnien tas-Searchlight Battery" minflok "Ġnien ta' Żagħruna" Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti kif emendati.

**63/03 Punti mtella' mill-Minuti 62**

**63/03/01** **Para 62/03/05:** Il-Kunsill għadu ma rċieva ebda korrispondenza minn Wasteserv rigward l-iskips ta' taħt l-art. Il-Kunsill innota li qed ikun hemm ħafna skart ħdejn l-iskips preżenti u ghalhekk unanimament iddeċieda li jekk jibqa ma jsir xejn mill-Wasteserv il-kontenituri tal-Bring in Site jitnehhew.

**63/03/02** **Para 62/03/04:** Reġa' ġie nnutat li r-residenta għadha la ġabet it-tabella tat-traffiku u lanqas il-hlas sabiex jinxtraw iż-żewġ plakek tal-ismijiet tat-toroq . Gie deċiż li tissejjah laqgha ma din ir-residenta.

**63/03/03** **Para 62/03/05:** Għandha tintbagħat ittra ohra lil TM rigward il-bini ta' kulvert fi Triq San Ġwann. Din ser tintbaghat flimkien mat-talba sabiex jinbena kulvert fi Triq Emm. Perren.

**63/03/04** **Para 62/03/08:** Saret il-laqgha mal-Euro Clean dwar it-talba tieghu ghall-ħlas minhabba z-zieda fil-prezz tal-fuel. Is-Sur A. Fenech ma aċċettatx l-ammont offrut mill-Kunsill mahdum bir-rata pro rata skont l-emenda fid-distanza li kien ghamel ilu stess qabel ma kien gie iffirmat il-kuntratt. Gie deċiż li inkomplu insegwu. Rigward it-tlett pagamenti dovuti ghas-servizz tal-gbir tal-iskart ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu l-kuntrattur gie infurmat li c-cekks kienu lesti u jinhargu immedjatament meta hu jipprovdi l-ircevuti fiskali li ilhom pendenti ghall-hlasijiet li diga saru.

**63/03/05** **Para 62/03/09:** Saret il-laqgħa mal-kuntrattur Road Services Ltd. Il-Kunsill unanimament iddeċieda li tinhareg il-*works order* halli jkun jista jibda x-xoghol sabiex Triq Fra D. Mifsud tinkesa bit-tarmak. Gie innutat li r-rata ghall-kisi bit-tarmak ser tkun bhal ma kienet ikkwotata fit-*tender* ghall-kisi ta' Triq Sta Marija taz-Zellieqa.

**63/03/06** **Para 62/03/10:** Ġie innutat li ċ-cekk ta' 125 Ewro kien intbagħat.

**63/03/07** **Para 62/03/11:** Ġie innutat li l-kuntratt tax-xoghol tal-iskrivana tal-Kunsill ġie ffirmat.

**63/03/08** **Para 62//05/02:** Il-laqgħa mal-Koptasin dwar Triq l-Oratorju għadha ma saritx. Il-Kunsillier Vincent A. Galea ser isegwi.

**63/03/09** **Para 62/05/06:** Ġie deċiż li l-bozza ġdida fi Triq il-Ġnien titwaħħal fuq l-arblu li gie indikat.

**63/03/10** **Para 62/05/07:** Is-Sindku spejga l-proposti ta' TM għas-sistema ta' *One Ways* għat-toroq Katerina, Sebħ u Ibragg. Huwa qal li saret laqgha mal-Kunsill Lokali tas-Swieqi u uffiċċjal tat-Transport Malta s-Sibt li ghadda. Transport Malta ma aċċettawx ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill sabiex ir-residenti ta' Triq Santa Katerina jkunu jistghu jkomplu jidhlu u johorgu fi Triq Santa Katerina u li t-tabelli tal-*One Way* ikun jghidu '*Except for Residents*'. Transport Malta qed jghidu li dan johloq periklu ghas-sewwieqa. Transport Malta kienu ser jibghatu kopja tal-decizjoni taghhom u l-pjanti.

Rigward Triq Naxxar u parti minn Triq Santa Katerina, Transport Malta ukoll ma kienux qed jaċċettaw li r-residenti jihallew jghaddu. Gie deċiż li inkomplu niddiskutu ma Transport Malta.

**63/03/11** **Para 62/05/09:** Ġiet innutata korrispondenza minghand Transport Malta rigward Sqaq il-Ħofra fejn dawn ikkonfermaw li l-bini ta' dan is-Sqaq hu mdahhal fl-iskeda tax-xoghol taghhom però l-ewwel iridu jitlestew xi xogholijiet fuq il-main tad-drenagg mill-WSC. Gie innotat ukoll li Transport Malta ghadhom ma bnewx il-hajt ta' Triq il-Gnien li waqa f'Wied id-Dis. Is-SE intalab isegwi peress li dan il-hajt hu perikoluz.

**63/03/12** **Para 62/05/10:** Wara li kien gie deċiż li ma tistax tehel *traffic hump* fil-kantuniera ta' Triq l-Oratorju, l-Kunsill unanimament approva t-talba sabiex tehel *U bollard* quddiem il-hanut jismu tan-Nanna.

**63/03/13** **Para 62/05/11:** Komplew jidhlu aktar ilmenti dwar parkeġġ ħażin fi Triq San Gwann kantuniera ma Triq Gargallo vicin hanut tal-merca. Rega gie deċiż li dawn l-ilmenti għandhom jiġu riferuti lill-Pulizija.

**63/03/14** **Para 62/05/14:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta minn Transport Malta rigward it-talba biex tiġi rranġata parti minn Triq Għaxqet l-Għajn bejn il-*bollards*. Inkomplu insegwu.

**63/03/15** **Para 62/07/02:** Ġie deċiż li l-fuljett tal-Kunsill għal żmien il-Milied ikun ta' 8 faċċati kollha bil-kulur. Kien hemm diskussjoni dwar x'ser ikun hemm f'dawn il-paġni.

**63/03/16** **Para 62/07/03:** Il-laqgħa mal-ko-ordinatur tal-LEAP Project għad trid issir.

**63/03/17** **Para 62/07/04:** Il-laqgħa mal-Battlefront Group saret u kien hemm numru ta' proposti interessanti. Għandha ssir laqgħa oħra.

**63/03/18** **Para 62/07/05:** Il-laqgħa mas-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew kienet saret. Il-Kunsill unanimament approva l-proposta tas-Socjeta' sabiex dawn jiehdu hsieb izejnu b'dawl dekorattiv (disinni provduti) Triq San Bartilmew u l-Pjazza tal-Knisja. Il-prezz hu ta' 1,100 Ewro. Spejjez tal-arlogg tad-dawl u konsum jithallsu mill-Kunsill. Is-SE intalab sabiex johrog il-*Works Order.*

**63/03/19** **Para 62/07/06:** Il-Kunsill ġie nfurmat bil-preparamenti li qed isiru għal *Halloween Party* li ser isir fl-1 ta' Novembru 2014.

**63/03/20** **Para 62/07/07:** Il-Kunsillier Christopher Fenech ippreżenta disinn ta' kif jistghu jiġu t-tabelli bl-ismijiet taz-zoni. Gie unanimament deċiż li nippruvaw insibu disinn li jkun ahjar ghaz-zoni tar-rahal.

**63/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**63/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**63/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

| | | |
|---|---|---|
| **63/05/01** 18114041217479 | | Talba biex titwahhal barrier quddiem il-hanut Tan-Nanna. Il-Kunsill approva din it-talba u s-SE intalab sabiex johrog il-*Purchase Order.* |
| **63/05/02** 18114041217479 | | Talba sabiex isiru l-Parking Bays fi Triq San Nikola ma naha wahda biss tat-triq. Il-Kunsill ikkonferma decizjoni li kien ha qabel li ahjar ma jsirux parking bays. F'din it-triq hemm problema kbira ta' nuqqas ta' spazju ghall-ipparkjar tal-vetturi |
| **63/05/03** 18114044218271 | | Talba sabiex jitwahhal l-isem tat-Triq Katerina Sammut kif ukoll ilment li fl-istess triq hemm zvilupp li kif qed ikun propost ser jiehu parti mit-triq. Il-Kunsill approva x-xiri u twahhil ta' plakka bl-isem tat-triq. Rigward l-izvilupp propost il-Kunsill iddecieda li jirreferi dan l-ilment lill-MEPA u jitlob li ssir *site visit.* |
| **63/05/04** 18114002218274 | | Talba sabiex jinbena mill-gdid hajt li kien izomm parti minn Triq il-Gnien u li ceda fil-wied meta ghamlet ix-xita. Il-Kunsill innota li TM diga giet infurmata b'dan, intbaghtu ritratti u intalbet sabiex tibni malajr dan il-hajt. |
| **63/05/05** 18114078218238 | | Talba sabiex il-parti ta' fuq ta' Triq il-Gnien tkun miftuha ghat-traffiku miz-zewg nahat. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma dan is-suggeriment peress li din it-triq hi dejqa u sabiex isir hekk ikun irid li ma jithallewx jipparkjaw vetturi. |

**63/06 Korrispondenza**

**63/06/01** Ġiet innutata korrispondenza minn TM dwar Sqaq il-Hofra. Ġie innutat li l-ewwel irid isir xoghol mill-WSC.

**63/06/02** Kien hemm diskussjoni dwar il-proposta "Aqra Miegħi". Ġie deċiż li din issir fil-librerija tal-Kunsill.

**63/06/03** Ġiet innutata ċirkolari AKL 65/2014 – *Catch the Drop Campaign* tal-HSBC. Ġie deċiż li jattendi l-Kunsillier Vincent A. Galea.

**63/06/04** Ġew diskussi l-kwotazzjonijiet għal *live streaming certification*. Ġie deċiż li tintgħażel dik ta' Galea Curmi Engineering minħabba li hija l-irħas waħda.

**63/06/05** Ġiet innutata ittra mill-Assistent Kummissarju Sandro Zarb. Il-Kunsill qabel li ssir laqgha mieghu u jiġu diskussi *issues* relatati mar-rahal,

**63/06/06** Talba biex jinxtraw kotba għall-iskola primarja. Gie innutat li aktar kmieni din is-sena diġà kienu inxtraw kotba ohrajn kif ukoll presentament il-Kunsill ma ghandux *budget* ghall-aktar *sponsorships*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**63/06/07** Ġiet innutata l-iskema 'Neħduk Għawdex'.

**63/06/08** Kien hemm diskussjoni rigward talba biex jiġi estiż il-ħin tal-għeluq ta' Ġnien il-Paci. Ġie deċiż li għalissa l-ħin jibqa' kif inhu, imma s-sena d-dieħla, jiġi ikkunsidrat li l-ħin tas-sajf jiġi estiż sal-aħħar ta' Ottubru. Diversi Kunsillieri irrimarkaw li bhalissa fis-7.30pm ikun diġà dalam u beda ukoll jiffriska t-temp u kemm il-darba l-gnien ikun vojt speċjalment kemm ilha li bdiet l-iskola.

**63/07** **Materji oħra u Mistoqsijiet**

**63/07/01** Is-Sur Alfred Muscat ippropona li parti minn Triq Emm. Perren isir bil-*patterned concrete* meta l-Kunsill ikollhu l-fondi mehtiega. Kien hemm qbil li dan isir meta jkun hemm fondi. Sadanittant ser nippruvaw ingibu stima ta' kemm jiswa sabiex isir dan ix-xoghol kif ukoll niccekkjaw x'bilanc hemm fil-UIF.

**63/07/02** Il-Kunsill inghata dettalji dwar laqgha li saret mal-kuntrattur tal-gbir tal-iskart imhallat. F'din il-laqgha gie ikkonfermat li r-*restaurants* irid ikollhom il-kuntrattur separat taghhom skont l-kundizzjonijiet tal-permess. Rigward hwienet ohra intalab parir minghand l-Avukat.

**63/07/03** Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-bini ta' rampa fi Triq San Gwann sabiex jitjib l-access ghac-cimiterju ser jibda fil-granet li gejjin. Il-Kunsill unanimament approva l-hrug tal-*purchase order* sabiex jinxtara l-materjal mehtieg.

**63/07/04** Gie innotat li ghad hemm xi pagament li jridu jithallsu mill-*Paying Agency*. Gie deċiż li inkomplu nsegwu halli niżguraw li l-kuntratturi kollha jithallsu.

**63/07/05** Il-Kunsill gie infurmat li l-lista tal-persuni li applikaw ghat-titqiba tal-influenza kienet intbaghtet. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser ikompli jikkordina din l-inizjattiva.

**63/08** **Aġġornament**

**63/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.30 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 4 ta' Novembru 2014 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **4 ta' November 2014** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |